



18.1.2012

B7-0006/2012 }  
B7-0008/2012 }  
B7-0009/2012 }  
B7-0010/2012 }  
B7-0013/2012 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

PPE (B7-0006/2012)  
ALDE (B7-0008/2012)  
Verts/ALE (B7-0009/2012)  
S&D (B7-0010/2012)  
GUE/NGL (B7-0013/2012)

dwar żbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel

**Maria do Céu Patrão Neves, Esther Herranz García, Albert Deß**

f'isem il-Grupp PPE

**Luis Manuel Capoulas Santos, Paolo De Castro, Luís Paulo Alves**

f'isem il-Grupp S&D

**George Lyon**

f'isem il-Grupp ALDE

**José Bové**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Alfreds Rubiks, Patrick Le Hyaric**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rolandas Paksas**

RC\889435MT.doc

PE479.443v01-00 }  
PE479.445v01-00 }  
PE479.446v01-00 }  
PE479.447v01-00 }  
PE479.450v01-00 } RC1

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar żbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013<sup>1</sup>, tat-18 ta' Jannar 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fil-kuntest tas-sigurtà tal-ikel<sup>2</sup>, tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali<sup>3</sup>, u tal-5 ta' Lulju 2011 dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu, 'Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar' (COM(2009)0591), u d-diversi dokumenti ta' ħidma meħmuża magħha, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar Dħul ġust għall-Bdiewa: katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar<sup>5</sup> u tad-19 ta' Jannar 2012 dwar il-katina ta' forniment tal-prodotti agrikoli<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/7/UE dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina ta' Provvista tal-Ikel (2010/C 210/3),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari tas-17 ta' Marzu 2009 u l-konklużjonijiet tad-29 ta' Marzu 2010 dwar funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista tal-ikel fl-Ewropa,
- wara li kkunsidra d-data tal-Eurostat dwar l-indiċijiet tal-prezzijiet tal-mezzi tal-produzzjoni agrikola (kostijiet tal-inputs) u l-indiċijiet tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli (prezzijiet tal-outputs)<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-investigazzjoni u r-rimedju tal-abbuż ta' poter minn supermarkets kbar li joperaw fl-Unjoni Ewropea<sup>9</sup>, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport 2008 taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka bit-titolu 'Sistemi ta'

<sup>1</sup> Testi adottati, P7-TA(2010)0286.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7-TA(2011)0006.

<sup>3</sup> Testi adottati, P7-TA(2011)0297.

<sup>4</sup> Testi adottati, P7-TA-PROV(2011)0307.

<sup>5</sup> Testi adottati, P7-TA(2010)0302.

<sup>6</sup> A7-0421/2011.

<sup>7</sup> ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1.

<sup>8</sup> [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/search\\_database](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/search_database).

<sup>9</sup> Testi adottati, P6-TA(2008)0054.

<sup>10</sup> Testi adottati, P6-TA(2009)0191.

biedja b'rata baxxa ta' fatturi tal-produzzjoni: opportunità għal żvilupp agrikolu sostenibbli<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu 'Agribusiness and the right to food', tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt għall-Ikel,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar katina tal-provvista alimentari li taħdem aħjar (COM(2009)0591) identifikat żbilanċi sinifikanti fis-saħħa tan-negozjar, li jissarrfu fi Prattiki kummerċjali inġusti bħal ħlasijiet tard, modifiki kuntrattwali unilaterali, termini kuntrattwali inġusti, aċċess ristrett għas-suq, nuqqas ta' informazzjoni dwar l-iffissar tal-prezzijiet, distribuzzjoni inugwali tal-margniet tal-qligħ fil-katina tal-ikel kollha, abbużi tal-poter tas-suq minn fornituri jew xerrejja, bħal kartelli u ż-żamma tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid, u alleanzi tax-xiri, fost oħrajn;
- B. billi l-livell ta' konċentrazzjoni ta' bejjiegħa bl-imnut kbar ħafna fl-Unjoni Ewropea qed jaffettwa ħażin lill-produtturi u lil fornituri oħra, għaliex qed jirriżulta fi żbilanċi li jikbru tal-poter bejn il-partijiet kontraenti; billi l-produtturi u l-proċessuri agrikoli qed iġarrbu telf progressiv tas-saħħa ta' negozjar vis-à-vis l-livelli tal-prezzijiet tul il-katina tal-valur - mill-produzzjoni primarja, għall-iproċessar sal-konsumatur aħħari; billi konċentrazzjoni eċċessiva qed twassal għal tnaqqis tad-diversità tal-prodotti, tal-wirt kulturali, tal-ħwienet, tal-impjiegi u tal-mezzi tas-sussistenza;
- C. billi l-problemi ta' introjtu tal-bdiewa qed jibqgħu jmorru għall-aġħar u l-prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi għall-prodotti mhuwiex rifless fil-prezzijiet imħallsa lill-bdiewa għall-produzzjoni tagħhom, u dan qed idgħajf il-kapaċità tal-bdiewa li jinvestu u jiżviluppaw u jista' jwassal biex ħafna minnhom ma jibqgħux jaħdmu f'dan is-settur;
- D. billi t-telf tas-saħħa ta' negozjar, iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u l-impossibilità li daww il-kostijiet jiġu rkuprati tul il-katina tad-distribuzzjoni tal-ikel jistgħu jipperikolaw is-sopravivenza tal-azjendi agrikoli, u għalhekk potenzjalment idgħajfu l-potenzjal produttiv fit-tul fl-Istati Membri u jkabbru d-dipendenza tagħhom fuq is-swieq esterni;
- E. billi relazzjonijiet kummerċjali bbilanċjati mhux biss itejbu l-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel, imma jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-bdiewa, permezz ta' żieda fil-kompetittività, u fl-aħħar mill-aħħar ikunu wkoll ta' benefiċċju għall-konsumaturi;
- F. billi l-volatilità reċenti tal-prezzijiet tal-ikel u tal-prodotti bażiċi qajmet tħassib kbir dwar il-funzjonament tal-katini tal-provvista tal-ikel Ewropej u dinjija u żiedet l-insigurtà tal-introjtu tal-farms u fl-investimenti fit-tul mill-bdiewa;
- G. billi lanqas il-konsumaturi mhuma qed jibbenefikaw minn prezzijiet baxxi mal-ħruġ mill-farms minħabba t-telf progressiv ta' saħħa ta' negozjar tal-bdiewa fil-katina tal-ikel, partikolarment billi r-rekwiżiti tal-kawlità, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards ambjentali u tal-benessri tal-annimali - li l-bdiewa Ewropej iridu jirrispetaw - spiss mhumiex applikati bl-istess mod għal prodotti agrikoli importati;

<sup>1</sup> [http://agrienv.jrc.ec.europa.eu/publications/pdfs/LIFS\\_final.pdf](http://agrienv.jrc.ec.europa.eu/publications/pdfs/LIFS_final.pdf)  
RC\889435MT.doc

PE479.443v01-00 }  
PE479.445v01-00 }  
PE479.446v01-00 }  
PE479.447v01-00 }  
PE479.450v01-00 } RC1

- H. billi l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni f'għadd ta' Stati Membri sabu li hemm erba' oqsma ewlenin fejn l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel huma partikolarment problematiċi: l-impożizzjoni unilaterali ta' termini kuntrattwali; il-prattiki ta' għoti ta' skont; il-penali; u termini ta' hłas;
1. Jenfasizza li l-problema tal-iżbilanċi fil-katina tad-distribuzzjoni tal-ikel għandha dimensjoni Ewropea ċara, li teħtieġ soluzzjoni Ewropea speċifika, minħabba l-importanza strateġika tal-katina agroalimentari għall-Unjoni Ewropea; jirrimarka li l-katina tal-provvista tal-ikel, l-agrikoltura, l-industrija agroalimentari u d-distribuzzjoni tal-ikel jirrappreżentaw 7% tal-impjiegi totali fl-UE b'valur ta' EUR 1400 biljun fis-sena - ċifra akbar minn dik fi kwalunkwe settur ieħor tal-manifattura fl-UE - u li s-sehem tal-valur miżjud agrikolu mill-katina tal-provvista tal-ikel naqas minn 31% fl-1995 għal 24% fl-2005 fl-UE-25;
  2. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħidma li qed issir fil-Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina ta' Provvista tal-Ikel, b'mod partikolari l-pjattaforma tiegħu Minn Negożju Għal Negożju; jitlob li jiġi infurmat formalment u regolarment dwar il-progress tal-ħidma u d-deċiżjonijiet meħuda;
  3. Jappoġġja l-ħidma tajba tal-Pjattaforma tal-Esperti dwar il-prattiki kuntrattwali B2B tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina ta' Provvista tal-Ikel, b'mod partikolari fid-definizzjoni, l-elekar u l-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi Prattika kummerċjali inġusta, abbażi ta' data u eżempji konkreti; jitlob appoġġ qawwi għal inizzjattivi biex jitħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet dwar din il-kwistjoni; jilqa' favorevolment il-fatt li l-partijiet interessati ftiehm u dwar prinċipji li jirregolaw il-prattiki tajbin, kif ippreżentati lill-Forum ta' Livell Għoli fid-29 ta' Novembru 2011, u jħeġġiġhom jieħdu miżuri implimentattivi;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi leġislazzjoni tal-UE robusta - meta jkun meħtieġ u mingħajr distorsjoni tal-funzjonament xieraq tas-swieq - biex tiggarrantixxi relazzjonijiet ġusti u trasparenti bejn il-produtturi, il-fornituri u d-distributuri ta' prodotti tal-ikel, u biex timplimenta b'mod xieraq ir-regoli diġà fis-seħħ, anke għaliex l-aħħar ċifri dwar l-introjt agrikolu mill-Eurostat juru li, mill-2009, kien hemm tnaqqis ta' 11.6% fl-introjt tal-bdiewa fil-livell tal-UE, filwaqt li l-kostijiet totali tal-inputs għall-bdiewa tal-UE żdiedu b' medja ta' kważi 40% bejn l-2000 u l-2010;
  5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jitrattaw il-problema tad-distribuzzjoni inġusta tal-profitti fil-katina tal-ikel b'urġenza, speċjalment fir-rigward tal-introjt adegwat għall-bdiewa; jirrikonoxxi l-fatt li sabiex jiġu stimolati sistemi ta' produzzjoni sostenibbli l-bdiewa jeħtieġ li jkunu kkompensati għall-investimenti u l-impjenji tagħhom f'dawn l-oqsma; jenfasizza li l-ġlieda għall-poter għandha tkun sostitwita b'relazzjonijiet ta' kooperazzjoni;
  6. Jirrimarka li l-politika agrikola trid tippermetti lill-azjendi agrikoli zġhar u ta' daqs medju, fosthom dawk li jitmexxew minn familji, ikollhom introjt raġonevoli, jipproduċu biżżejjed ikel ta' kwalità tajba bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd, joħolqu l-impjiegi, jipromwovu l-iżvilupp rurali u jiżguraw il-ħarsien u s-sostenibbiltà ambjentali;

7. Jinsisti li l-Istati Membri għandu jkollhom rwol attiv fl-appoġġ ta' fora ta' konsultazzjoni eżistenti u fl-istabbiliment ta' fora ta' konsultazzjoni ġodda, b'rappreżentanza xierqa tal-atturi tul il-katina tal-ikel, sabiex jippromwovu d-djalogu u jistabbilixxu linji gwida favur relazzjonijiet aktar ġusti u bilanċati; jirrimarka li konsultazzjonijiet uffiċjali bħal dawn jgħinu biex il-produtturi u l-fornituri jiġu protetti u biex jiġu evitati miżuri ta' ritaljazzjoni mis-settur tad-distribuzzjoni;
8. Jistieden lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali u Ewropej u lil awtoritajiet regolatorji oħra involuti fil-produzzjoni u l-kummerċ biex jieħdu azzjoni kontra prattiki abużivi tax-xerrejja min-naħa ta' bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut dominanti li sistematikament iqiegħdu lill-bdiewa f'pożizzjoni ta' negozjar estremament inugwali;
9. Jitlob li tiġi stabbilita definizzjoni ċara, rigoruża u oġġettiva ta' prattiki abużivi u inġusti, inklużi definizzjonijiet aktar stretti ta' kunċetti u delimitazzjoni aktar ċara, skont il-mandat maħruġ lill-Kummissjoni mir-risoluzzjoni tiegħu dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust, sabiex tali prattiki jkunu soġġetti għal regolamentazzjoni speċifika, superviżjoni u sanzjonijiet oġġettivi;
10. Jenfasizza l-lista li ġejja bħala lista mhux eżawrjenti ta' prattiki li dwarhom il-produtturi wrew tħassib fir-rigward tal-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel:

I) Aċċess għall-bejjiegħa bl-imnut:

- i) Ħlas minn qabel għall-aċċess għan-negozjati
- ii) Miżati għall-inklużjoni fil-listi
- iii) Miżati ta' dħul
- iv) Iffissar tal-prezzijiet għal spazju fuq l-ixkafef
- v) Impożizzjoni ta' promozzjonijiet
- vi) Dewmien fil-ħlasijiet
- vii) Iffissar tal-prezzijiet
- viii) Klawżola tal-kliment l-aktar ivvantagġat

II) Kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti jew bidliet unilaterali għat-termini kuntrattwali:

- i) Bidliet unilaterali u retrospettivi għall-kundizzjonijiet kuntrattwali
- ii) Ksur unilaterali tal-kuntratt
- iii) Klawżoli/miżati ta' esklussività
- iv) Impożizzjoni ta' kontribuzzjoni 'obbligatorja' għal ditti privati
- v) Impożizzjoni ta' mudelli kuntrattwali standard
- vi) Prattiki ta' ritaljazzjoni
- vii) Ftehimiet kuntrattwali mhux miktuba
- viii) Irkupru tal-marġnijiet
- ix) Skontijiet globali
- x) Dewmien fil-ħlasijiet
- xi) Impożizzjoni ta' ħlas għall-ipproċessar/għat-tneħħija tal-iskart
- xii) Xiri minn gruppi/negozjati konġunti
- xiii) Irkantijiet invertiti
- xiv) Termini ta' konsenja mhux realistiċi
- xv) Impożizzjoni tal-użu ta' fornitur (speċifiku) ta' imballaġġ jew ta' materjal ta'

imballaġġ

xvi) Impożizzjoni tal-użu ta' pjattaforma loġistika (speċifika) jew ta' operatur (speċifiku)

xvii) Ħlas biex jiġu koperti promozzjonijiet (mhux miftiehma minn qabel)

xviii) Ordnijiet eċċessivi ta' prodott maħsub għall-promozzjoni

xix) Ħlas talli ma jintlaħqux ċerti livelli ta' bejgħ

xx) Impożizzjoni fuq il-fornituri ta' skont extra għal bejgħ li jaqbeż ċertu livell

xxi) Irtirar unilaterali ta' prodotti mill-ixkafef tal-ħwienet

xxii) Impożizzjoni ta' ritorn inkundizzjonat ta' merkanzija (mhux mibjugħa)

xxiii) Impożizzjoni fuq il-fornituri ta' kostijiet marbuta mal-kontrazzjoni jew mas-serq ta' prodotti

xxiv) Impożizzjoni fuq il-fornituri ta' kostijiet mhux raġonevoli marbuta ma' lmenti tal-klijenti;

11. Jitlob l-istabbiliment ta' qafas biex dawn il-prattiki jiġu kkontrollati b'mod effikaċi, l-ewwel bit-tneġġija ta' inkjesta fis-settur kollu, permezz ta' mezzi amministrattivi jew ġuridiċi, imbagħad bl-introduzzjoni ta' sistema ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imħaddma mill-Istati Membri u kkoordinata mill-Kummissjoni, b'sanzjonijiet dissuazivi applikati b'mod effikaċi u fi żmien xieraq;
12. Jitlob, fir-rigward tal-kundizzjonijiet kuntrattwali u l-prattiki kummerċjali abużivi, li jiddaħħlu mezzi aħjar biex ikun żgurat li l-iskadenzi għall-ħlasijiet jiġu rispettati, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-ħlasijiet Tard, u li jitqiegħdu fis-seħħ strumenti ġodda biex jitnaqqas kemm jista' jkun u biex jiġi armonizzat fuq livell Ewropew it-tul ta' żmien bejn il-konsenja u meta l-ħlas fil-fatt jasal għand il-fornituri; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li jinħtieġu urġentement soluzzjonijiet għall-problemi speċifiċi li jaffaċċjaw il-produtturi ta' prodotti li jiħżienu, bi żminijiet qosra li matulhom jistgħu jibqgħu fil-ħwienet, li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet kbar ta' likwidità;
13. Jinnota l-miżuri fl-abbozz ta' proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAKli l-għan tagħhom huwa li jsaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-organizzazzjonijiet intersettorjali u billi jippromwovu katini qosra bejn il-produtturi u l-konsumaturi, bħas-swieq għall-prodotti lokali; jemmen li t-tiżni tal-pożizzjoni tal-bdiewa permezz ta' organizzazzjoni interna aħjar u approċċ aktar professjonali jgħin biex ikun żgurat li jirċievu sehem aktar ġust tal-valur miżjud;
14. Jilqa' favorevolment ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri rigward skambji tal-aħjar Prattiki dwar in-notifika ta' Prattiki kuntrattwali, u t-tneġġija ta' kuntratti standard;
15. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-Istrument Ewropew ta' Monitoraġġ tal-Prezzijiet u tiżviluppa interfaċċja trasparenti, multilingwi u faċli biex tintuża li tippemetti lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati jqabblu l-prezzijiet ta' prodotti tal-ikel bażiċi fi Stat Membru partikolari u bejn Stati Membri differenti f'kull stadju fil-katina tal-provvista tal-ikel u li tqis ukoll id-differenzi fl-għoli tal-ħajja fl-Istati Membri;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-agrikoltura,

RC\889435MT.doc

PE479.443v01-00 }

PE479.445v01-00 }

PE479.446v01-00 }

PE479.447v01-00 }

PE479.450v01-00 } RC1

bil-għan li lill-bdiewa u lill-organizzazzjonijiet intersettorjali tagħhom jingħatawllhom l-għodod li jippermettulhom itejbu l-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom; jitlob li ssir valutazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE u li jsir tibdil fiha, bil-għan li jkun żgurat li jitqiesu aktar l-effetti negattivi tal-konċentrazzjoni vertikali fuq il-katina kollha tal-provvista tal-ikel, minflok ma ssir enfasi limitata fuq il-pożizzjonijiet relattivi ta' diversi kumpaniji fis-suq u minflok ma d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jitqiesu biss abbażi tal-effett negattiv tagħhom fuq il-konsumaturi;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina aħjar il-ħidma tad-diversi servizzi tagħha, sabiex ikun jista' jkollha rwol aktar effikaċi fil-monitoraġġ tal-prezzijiet fil-katina tal-ikel kollha u fil-monitoraġġ tad-dinamika tal-provvista bl-imnut u tal-ishma tas-suq relattivi fl-UE kollha; jitlob li jinħoloq Ombudsman għall-Kummerċ tal-Ikel biex jikkomunika mal-awtoritajiet kummerċjali u tal-kompetizzjoni rilevanti u ma' Ombudsmen nazzjonali għall-kummerċ tal-ikel f'kull Stat Membru, sabiex jikkoordinaw u jaqsmu informazzjoni; iqis, barra minn hekk, li l-Ombudsman Ewropew u d-diversi Ombudsmen nazzjonali għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti u biex jirrakkomandaw sanzjonijiet xierqa u f'waqthom;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel studju profund tad-differenzi fl-approċċ bejn is-27 awtorità u politika nazzjonali tal-kompetizzjoni u tteġġeġ soluzzjonijiet li jinvolvu l-imsieħba kollha fil-katina tal-produzzjoni tal-ikel u li jipprevjenu abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti f'parti waħda jew f'għadd limitat ta' partijiet tal-katina tal-inputs jew tal-outputs, li spiss iseħħu askapitu tal-produttur agrikolu;
19. Jemmen li għandha tingħata prijorità lil kampanja ta' informazzjoni fl-UE kollha li tinforma lill-bdiewa dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u dwar il-prattiki kuntrattwali u kummerċjali illegali, inġusti u abużivi l-aktar komuni, kif ukoll dwar il-mezzi disponibbli biex jirrapportaw l-abbużi;
20. Iqis li s-soluzzjoni biex jiġu ttrattati l-iżbilanċi fil-katina tad-distribuzzjoni tal-ikel tinkludi l-awtoregolamentazzjoni iżda teħtieġ ukoll regolamentazzjoni u aġġustamenti tal-liġi tal-kompetizzjoni; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki u/jew Kodiċijiet tal-imġiba fi sħubija mal-partijiet interessati kollha, bl-involviment tal-produtturi, l-industrija, il-fornituri, il-bejjieġha bl-imnut u r-rappreżentanti tal-konsumatur, u filwaqt li s-sinerġiji eżistenti jintużaw bl-aħjar mod possibbli;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.